# The Malta International Art Biennale 2001



Belgium-Zoltan Perlmutter – 1978



Eruption of Life

it-TORĊA
IL-ĦADD 24 TA' ĠUNJU 2001
2,974
20c

● "Inħares madwari, u ħlief talent ma narax. F'kull qasam - fil-mużika, fl-arkitettura, fl-arti, fl-iskultura, fil-letteratura. Dan kollu miġbur f'pajjiż li hu iżgħar fil-qies minn belt imdaqqsa bħal Katanja. Bilfors li nħoss li għandi nirrikonoxxi tant kreattività."

Dan il-kliem qalituli Dame Francoise Tempra meta ltqajt magħha fid-dar sabiħa fejn toqgħod fl-Imġarr. U tant temmen fl-artisti Maltin li darba kull sentejn torganizza The Malta International Art Biennale li fih ikunu rappreżentati għadd kbir ta' artisti sew lokali kif ukoll oħrajn ġejjin minn numru kbir ta' pajjiżi mill-ħames kontinenti. F'pajjiżna, minn issa sa l-1 ta' Ottubru, wieħed jista' jżur esibizzjonijiet ta' l-arti f'10 postijiet differenti. Dawn huma l-Mużew Tempra ta' Arti Kontemporanja u l-Colonnade Tempra fil-ġonna ta' Villa Tempra - it-tnejn fl-Imġarr; il-Kunvent ta' San Duminku u l-Mużew Wignacourt - it-tnejn fir-Rabat. F'Tas-Sliema wieħed jista' jara wirjiet fil-Lukandi Victoria, Vivaldi u fil-Big Blue Restaurant tal-Crowne Plaza. Fil-Belt Valletta hemm esibizzjonijiet fil-Kavallier ta' San Ġakbu u fil-Loggia tat-Teatru Manoel; waqt li fl-Imdina wieħed jista' jara xogħlijiet mill-Biennale fil-Mużew tal-Kattidral.

Dan barra li propju llum, 24 ta' Ġunju, il-Biennale se jiftaħ f'Ateni, il-Greċja. Fid-29 ta' l-istess xahar se tinfetaħ esibizzjoni oħra f'Pariġi, biex imbagħad ikun imiss f'Londra (5 ta' Lulju) u l-Amerika (12 ta' Lulju).

"Sintendi," kompliet Dame Francoise "dan ifisser pubbliċità kbira għal Malta fil-media internazzjonali barra li xogħlijiet ta' artisti lokali jintużaw f'pajjiżi oħra, u b'hekk isiru magħrufa ma' ħafna iktar nies. Fl-istess waqt xogħlijiet ta' artisti barranin li normalment diffiċli jinstabu hawn ikunu jistgħu jitgawdex f'Malta. Għalhekk il-Biennale joħloq l-atmosfera ideali għal skambju ta' ideat u filosofiji. Għalija l-element didattiku hu mportanti ħafna. Nemmen f'dak li jien insejjaħ 'The Interaction of Talents' u l-Biennale barra l-wirjiet għandu marbuta miegħu dibattitu dwar l-arti, il-filosofija, il-letteratura u l-mitoloġija." Dawn l-attivitajiet kollha jinħtieġu preparazzjoni twila u xogħol diffiċli u dettaljat għidtilha. "Nista' ngħid li nagħmel kollox waħdi. Ma nieqaf qatt - kuntatti, telefonati, faxes u press releases b'lingwi differenti. U fuq kollox ma tantx nirċievi għajnuna minn naħat uffiċjali. Iżda għalihom ipattu l-artisti li kollha huma konxji tal-ħidma li qed nagħmel għalihom. Per eżempju miegħi f'Ateni se nieħu xogħlijiet ta' artisti Maltin. Dawn huma jafuh u japprezzawh. Imma mill-bqija nsib anke min jagħmilli l-intoppi: Ħalli nagħtik eżempju. Meta fl-1995 kelli għall-wiri xogħol innovattiv għall-aħħar - stallazzjoni u action painting li kien jirrappreżenta l-Assedju ta' l-1565, xogħol ta' Andras Markos, tgħidx kemm kien hemm min għadda kummenti sfavorevoli. Illum ħaġ'oħra. Illum l-istallazzjonijiet saru aċċettati, imma fl-1995 tgħidx x'ma ntqalx. Iżda r-rispett li ngawdi barra minn Malta hu enormi. Għalhekk anke meta niġi għall-għażla tal-judges għax-xogħlijiet li jidħlu għall-kompetizzjoni fil-Biennale, dejjem insib nies validi mmens."

Meta staqsejtha min kienu semmiet lil Dr Jacques Birr (Franza), Dott.ssa Bruna Brazzalotto, Cav. Luciano Gasper, Dr. Pino Lo Monaco (Italja), Ronald Burns (USA), Gabriel Caruana, Fr. Marius Zerafa (Malta).

**U min kienu r-rebbieħa?**

"Kien hemm ħames Maltin li ħadu l-ewwel premju fil-kategoriji tagħhom - Matthew Cassar (Painting *ex aequo*), Paul Haber (Ċeramika), Anthony Calleja (Watercolour), Ian Micallef li rebaħ il-kategorija ta' taħt it-18-il sena għall-iskultura, u Edwina Spiteri (Drawing).

B'kollox kien hemm 16-il kategorija. Il-premjazzjoni tar-rebbieħa saret waqt pranzu f'Le Meridien Phoenicia fit-3 ta' Ġunju. Ir-rebbieħa kienu:

**Painting:** Carl Anderson (Guyana), Matthew Cassar (Malta) - it-tnejn ħadu l-ewwel premju; 3. Falah Ghati (Iraq); 4. Gassim Abdelkader (Chad); 5. Miguel Barbosa (Portugal); 6. Joseph Paul Cassar (Malta); 7. Nicos Kyntzis (Greċja); 8. Arman Gasperian (Armenja); 9. Matthew Lauretti (Italja); 10. Francis Galea (Malta).

**Skultura:** 1. Venteeslaus Metchev (Bulgarija); 2. Edio

(tkompli f'paġna 15)

# ir-raba' edizzjoni – 105 pajjiżi rappreżentanti



Mina Tempra, Chev. Adrian Busietta, Fr. Marius Zerafa, Gisela Gever, H.E. Garhard Kunz, Dame Francoise Tempra, H.E. Sergey S. Zotov, Chev. Willis Gever, Marie Angelique Caruana, Dr. Francis Cachia.

(minn paġna 14)

Gingillino (Italja); 3. Ivan Fenech (Malta); 4. Joseph Barbara (Malta); 5. Reem Gibriel (Libya); 6. Theodor Karastyanov (Bulgarija); 7. Jutta Lutz (Ġermanja); 8. Joe Genovese (Malta); 9. Drago Marino Cherina (Awstralja).

**Stallazzjoni:** Guy Lemesre (Franza).

**Collage:** Dieter Patt (Ġermanja); 2. Renate Linnoff (Lussemburgu).

**Ċeramika:** 1. Paul Haber (Malta); 2. Zell Osborne (Renju Unit).

**Watercolours:** 1. Anthony Calleja (Malta); 2. A. D. Zikov (Jugoslavja); 3. Anya Venalainen (Finlandja); 4. Anita Haan (Belġju); 5. Thea Karlsen (Ġermanja); 6. Doriee Acosta Giralda (Kolumbja); 7. Yvonne Wilson (Isle of Man); 8. Mamdouh Anwar (Eġittu); 9. Irena Kjkova (Maċedonja).

**Grafika - Litografiji Oriġinali:** 1. Ansgar Kristensen (Danimarka/Ġermanja).

**Grafika - Diġitali u Kummerċjali:** 1. Imola Roszyai (Ungerija); 2. Andre Buzin (Belġju).

ħilitihom u ħajjithom għat-tixrid tal-kultura għandhom jingħataw ġieħ, u l-poplu għandu d-dmir

**Arkitettura (mhux fil-kompetizzjoni)** Premju speċjali: Italo Raniolo u Edward Bencini (Malta).

**Fotografija:** 1. Fernando Sesen (Spanja); 2. Gerlinde Kupp (Ġermanja); 3. Emad Pach Aghia (Libja).

**Ċinema (mhux fil-kompetizzjoni):** Luciano Gasper u Enrico Agnoletto (Italja).

**Salon (mhux fil-kompetizzjoni)** Premjijiet Speċjali: Antonio Fuentes (Spanja); Salvatore Montanucci (Italja); 1. Leonid Tikhomiror (Russja); 2. Catherine Cavallo (Malta); 3. Andrew Flint - Shipman (Renju Unit).

**Performance:** Olaf Rolf Schabbah (Ġermanja) u Sherri Plyatel (Amerika) it-tnejn l-ewwel.

**Taħt it-18-il sena:** 1. Ian Micallef (Malta); 2. Edwina Spiteri (Malta).

li jirrikonoxxi ħidmiethom u jinkoraġġixxi billi jipparteċipa f'dak kollu li jħejjilhom.

**Xogħlijiet Litterarji** (Ingliż) Premju Speċjali: Milena Kunz Bijno (Italja/Ġermanja); 1. Stewart Quentin Holmes (Amerika); 2. Hugh Arnett (Renju Unit); 3. Francis Cachia (Malta); 4. Bahram Sakkaf (Eġittu).

Fl-aħħarnett staqsejtha meta jibda x-xogħol għall-Biennale li jmiss (għalkemm dak attwali jibqa' għaddej sa l-1 ta' Ottubru). "Diġà għidtlek li dan hu xogħol bla waqfien. Il-preparamenti u l-kuntatti jibqgħu għaddejjin il-ħin kollu. Nittama li anke meta nieqaf jien kollox jibqa' sejjer kif inhu, għalkemm nibża' li l-element internazzjonali jispiċċa."

Nittamaw li le! Nies li jagħtu

TORĊA

IL-ĦADD, 24 TA' ĠUNJU, 2001